**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**Vs**

**Dennis Cremona**

**Illum 24 ta' Gunju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Dennis Cremona ta' tlieta u erbghin (43) sena, bin Paul u Carmen nee' Azzopardi, imwieled Pieta', nhar it-23 ta' Lulju 1975, minghajr indirizz fiss, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 365475(M), talli nhar it-23 ta' Gunju 2019 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu (01:45 hrs) gewwa Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq mhux izjed minn tlieta u ghoxrin Ewru u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-dannu ta' Carmel Mifsud u/jew persuni ohra, liema serq ikkwalifikat bil-mezzu u bil-hin u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 (b)(f), 263(b), 264(1), 270, 278(1)(2) u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara gewwa Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames minn Ewro (€2,500) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 al-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti filkonfront tieghu u rat li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li f'dan il-kaz ma kienx hemm in-nomina ta' Esperti w allura l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol fit-talba relattiva imressqa minnha;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni akkuza qed tigi assorbita fl-ewwel akkuza;

Rat l-atti kollha tal-kaz senjatament: (a) il-kunsens ta' l-Avukat Generali– Dok. "A"; (b) Personal details form ta' l-imputat- Dok. "B"; (c) Fedina penali ta' l-imputat– Dok. "C"; (d) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz– Dok. "D", (e) Stqarrija ta' l-imputat- Dok. "E" (f) Hwejjeg li kien liebes l-imputat waqt is-serqa– Dok. "F"; (g) Oggetti li nstabu fil-pussess ta' l-imputat– "Dok. G".

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-imputat l-imputat qed jigi akkuzat talli nhar it-23 ta' Gunju 2019 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu (01:45 hrs) gewwa Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex: (i) ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq mhux izjed minn tlieta u ghoxrin Ewru u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-dannu ta' Carmel Mifsud u/jew persuni ohra, liema serq ikkwalifikat bil-mezzu u bil-hin u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 (b)(f), 263(b), 264(1), 270, 278(1)(2) u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara gewwa Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames minn Ewro (€2,500) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iii) irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew

imhassra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dana baqa' hekk iwiegeb anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat u fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-atti tal-kawza, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u l-fedina penali ta' l-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli Artikoli 261 (b)(f), 264(1), 270, 278 (2), 325(b), 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti mill-gdid itteni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni illi f'dan il-kaz ma kienx hemm nomina ta' Esperti, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-imputat jigi kkundannat ihallas lispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jiehu l-mizuri kollha necessarji u mehtiega ghall-fini li l-imputat jinghata l-ghajnuna jekk ikun il-kaz il-kura mehtiega sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**